https://hpdp.gov.mt/

# Is-Solitudni

In-nies iġarrbu s-solitudni bil-mod uniku tagħhom.
Dan ifisser li m'hemmx strateġija waħda tajba għal kulħadd
biex tkun kapaċi tegħleb is-solitudni.

**L-ewwel pass...**

Meta tibda taċċetta s-sitwazzjoni u tħalli lilek innifsek tħoss is-solitudni forsi tinħass ftit stramba għall-bidu, iżda mbagħad xħin tirrifletti u tivvalida dan is-sentiment, kapaċi stramba, iżda m
**Is-solitudni hija aktar komuni milli taħseb.**
Għalhekk ipprova kellem lilek innifsek b'aktar ġentilezza – daqslikieku qed titkellem ma' ħabib.

## Ħu ħsieb tiegħek innifsek

Tinjorax l-importanza tal-ikel xieraq, l-irqad tajjeb, l-iġjene personali, l-attenzjoni konxja u anke l-meditazzjoni. Ir-riorganizzazzjoni jew it-titjib tal-ispazju fejn tgħix jistgħu wkoll ikunu attivitajiet li jagħmlulek il-ġid.

## Ċaqlaq ġismek

Meta tmur tiġri, timxi, tiġġoggja jew tagħmel kwalunkwe tip ta' attività fiżika, ttejjeb il-burdata. Is-sħubija fi klassi t' eżerċizzju, kemm kemm jekk tattendi fiżikament u anke *online*, tgħinek tiltaqa' man-nies filwaqt illi żżomm ġismek attiv.

## Erġa' għamel kuntatt u ltaqa'

Tibżax tieħu inizjattiva biex iċċempel lil xi ħabib jew membru tal-familja biex tistedinhom tmorru għal kafè jew ikla. Għandu mnejn tistagħġeb xħin tinduna kemm l-affarijiet inbidlu ferm inqas milli kont tobsor!

## Ipprova xi ħaġa ġdida

Fittex gruppi jew klassijiet li jiffukaw fuq affarijiet illi tixtieq tagħmel. Meta tagħmel dan toħloq opportunitajiet biex tiltaqa' ma' nies li jifhmuha bħalek u jħaddnu valuri, interessi u prijoritajiet bħal tiegħek.

Health Promotion & Disease Prevention Directorate

### Qatta' ħin mal-annimali

L-annimali jistgħu jgħinuk tħossok aktar konness. Kapaċi jgħinuk tnaqqas l-istress, l-ansjetà, u s-solitudni. Jekk ma tistax tadotta annimali domestiċi pprova qatta' ftit ħin f'santwarju tal-annimali.

### Gawdi l- kultura rikka ta' Malta

Ix-xena kulturali rikka ta' Malta tista' faċilment timla l-iskeda tiegħek! Żur is-siti ta' Heritage Malta jew Visit Malta biex tiskopri inizjattivi u avvenimenti kulturali li jistgħu jinteressawk.

### Ivvolontarja għal kawża ġusta

Dan jgħaqqdek mal-komunità ta' madwarek u jgħinek ukoll tuża l-għarfien u l-esperjenza tiegħek biex tagħti xi ħaġa lura lill-komunità filwaqt illi jagħti skop iżjed b'saħħtu lil ħajtek.

### Żur Kunsill Lokali jew Ċentru tal-Anzjanità Attiva

Il-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet għan-nies tal-lokal, u kull Ċentru tal-Anzjanità Attiva joffri programm ta' attivitajiet illi jinkludi taħditiet, ħarġiet, u programmi ta' tagħlim tul il-ħajja.

Jekk ippruvajt il-passi msemmija hawn fuq u xorta tħoss il-bżonn għal aktar appoġġ, ċempel fuq il-**Linja ta' Għajnuna Nazzjonali għas-Saħħa Mentali** fuq **1579**.